**Emenda 1**
**Elisa Ferreira, Alfred Sant**
f'isem il-Grupp S&D

**Rapport A8-0037/2015**
**Dariusz Rosati**
Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015
2014/2221 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jesprimi tħassib għall-fatt li ħafna Stati Membri għadhom qed jitilfu sehemhom fis-suq fil-livell globali; jemmen li l-ekonomija ġenerali tal-UE trid tagħti spinta akbar lill-kompetittività tagħha fl-ekonomija globali, b'mod partikolari billi tqawwi l-kompetittività fis-swieq tal-prodotti u s-servizzi sabiex issaħħaħ l-effiċjenza miksuba permezz tal-innovazzjoni; jinsisti li l-ispejjeż tax-xogħol għandhom jibqgħu allinjati mal-produttività, u li l-pagi għandhom jikkontribwixxu għal sistemi ta' sigurtà soċjali sostenibbli; jenfasizza li l-Istati Membri, huma u jamministraw l-infiq tagħhom skont ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), għandhom ***jożbru*** l-infiq kurrenti pjuttost milli jnaqqsu l-impenji ta' investiment, anki jekk ir-regoli ma jqisux il-fatt li l-infiq fuq l-investiment u l-infiq kurrenti għandhom impatti differenti fuq it-tkabbir; jieħu nota tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (COM(2015)0012), peress li tikkjarifika l-proċedura u tispjega r-rabta bejn ir-riformi strutturali, l-investiment u r-responsabbiltà fiskali, filwaqt li jsir l-aħjar użu mill-flessibbiltà li teżisti fi ħdan ir-regoli tiegħu; jilqa' l-proposta mill-Kummissjoni li | 5. Jesprimi tħassib għall-fatt li ħafna Stati Membri għadhom qed jitilfu sehemhom fis-suq fil-livell globali; jemmen li l-ekonomija ġenerali tal-UE trid tagħti spinta akbar lill-kompetittività tagħha fl-ekonomija globali, b'mod partikolari billi tqawwi l-kompetittività fis-swieq tal-prodotti u s-servizzi sabiex issaħħaħ l-effiċjenza miksuba permezz tal-innovazzjoni; jinsisti li l-ispejjeż tax-xogħol għandhom jibqgħu allinjati mal-produttività, u li l-pagi għandhom jikkontribwixxu għal sistemi ta' sigurtà soċjali sostenibbli; jenfasizza li l-Istati Membri, huma u jamministraw l-infiq tagħhom skont ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), għandhom ***inaqqsu*** l-infiq kurrenti pjuttost milli jnaqqsu l-impenji ta' investiment, anki jekk ir-regoli ma jqisux il-fatt li l-infiq fuq l-investiment u l-infiq kurrenti għandhom impatti differenti fuq it-tkabbir; jieħu nota tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (COM(2015)0012), peress li tikkjarifika l-proċedura u tispjega r-rabta bejn ir-riformi strutturali, l-investiment u r-responsabbiltà fiskali, filwaqt li jsir l-aħjar użu mill-flessibbiltà li teżisti fi ħdan ir-regoli tiegħu; jilqa' l-proposta mill-Kummissjoni li |

| | |
|---|---|
| tissemplifika s-Semestru Ewropew; jirrimarka li approċċi universali fit-tħejjija tas-CSRs għandhom jiġu evitati; | tissemplifika s-Semestru Ewropew; jirrimarka li approċċi universali fit-tħejjija tas-CSRs għandhom jiġu evitati; |

Or. en